MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 57/2005

Peter Muscat u martu Valeri Muscat

Vs

Mario Muscat u b'digriet tat-8 ta' Marzu 2006 Dr. John Paul Grech u martu Margaret Grech gew awtorizzati jintervjenu fil-kawza in statu et terminis

Illum il-Gimgha, 2 ta' Mejju 2008.

Il-Qorti,

**Twaqqif ta' esekuzzjoni ta' sentenza - Ritrattazzjoni – Artikolu 823 tal-Kap. 12.**

Permezz ta' citazzjoni prezentata fil-21 ta' Gunju 2005 l-atturi talbu li l-Qorti tordna t-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza li nghatat minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar 2005 fil-kawza **Bank of Valletta plc vs Mario Muscat et** (Cit. numru 76/2002) u tal-konsegwenti mandat ta'

zgumbrament numru 55/2005. Talba li saret minhabba li l-konjugi Muscat ipprezentaw kawza ghar-revoka ta' din is-sentenza u smigh mill-gdid skond l-Artikolu 811(a) u (k) tal-Kap. 12[1]. Dik il-kawza qeghda tigi deciza wkoll illum.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata minn Mario Muscat fis-27 ta' Ottubru 2005 (fol. 80) iddefenda ruhu billi kkontesta li kien hemm xi simulazzjoni fil-kuntratt li sar fl-14 ta' April 1995 fl-atti tan-nutar Carmel Mangion u li jirreferi ghall-bejgh ta' cabin cruiser u li meta xtara l-immobbli kien qieghed jagixxi bhala prestanome tal-atturi. Zied ighid li l-kawza kienet qeghda ssir sabiex il-Qorti tigi svijata. F'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax tonqos milli ssemmi li dawk li jidhru bhala eccezzjonijiet messhom semmai saru fid-dikjarazzjoni ta' fatti biex jaghti sfond tal-fatti in kwantu din il-kawza tittratta t-talba ghal twaqqif ta' ezekuzzjoni ta' sentenza peress li l-atturi pprezentaw proceduri ta' ritrattazzjoni.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-Bank of Valletta plc fit-28 ta' Ottubru 2005 (fol. 86), eccepixxa li:

1. Ma tezisti l-ebda raguni valida ghalfejn il-Qorti ghandha twaqqaf l-ezekuzzjoni tas-sentenza li nghatat fis-27 ta' Jannar 2005 fil-kawza **Bank of Valletta plc vs Mario Muscat et** (Cit numru 76/2002).
2. Il-proceduri ta' ritrattazzjoni li qeghdin isiru qed jintuzaw minflok il-proceduri ta' l-appell.
3. It-talbiet attrici ghat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza u l-mandat ta' zgumbrament hi ghal kollox infondata u ghandha tigi michuda.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-atti tal-kawza **Peter Muscat et vs Mario Muscat et** (Cit. numru: 56/2005) deciza llum.

[1] **Peter Muscat et vs Mario Muscat et** (Cit. numru: 56/2005AE).

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Talba ghal ritrattazzjoni ma twaqqafx, wahedha, l-ezekuzzjoni tas-sentenza. Mill-atti jirrizulta s-segwenti fatti:-

(a) B'sentenza li nghatat fis-27 ta' Jannar 2005 fil-kawza **Bank of Valletta plc vs Mario Muscat et** (Cit. numru 76/2002) il-Qorti ddikjarat li l-konvenuti (fosthom Peter u Valeri konjugi Muscat) kienu qeghdin jokkupaw il-fond li l-konjugi Muscat fic-citazzjoni ddikjaraw li jisimha ANZ Villa, Triq Buskett, Dingli, limiti Rabat minghajr ebda titolu validu u kkundannathom jizgumbraw minn go fiha fi zmien xahar. Minn din is-sentenza ma sarx appell.

(b) Fis-17 ta' Gunju 1995 fl-atti tan-nutar Dr. Joseph Tabone, il-proprjeta' nxtrat mill-intervenuti fil-kawza Dr. John Paul u Margaret konjugi Grech (fol. 93-98). F'dak il-kuntratt il-bank iggarantixxa l-pacifiku pussess u ddikjara li qieghed jittrasferixxi lill-kompraturi li accettaw *"…..all the rights emanating from the acts of a warrant of eviction number fifty five stroke zero five AMT (55/05/AMT) connected to the said property"* (fol. 97).

(c) Fil-21 ta' Gunju 2005 il-konjugi Muscat ipprezentaw kawza ta' ritrattazzjoni (numru 56/2005) u din il-kawza ghat-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza.

2. Mill-atti jirrizulta li sal-lum is-sentenza ghadha ma gietx imwettqa u dan wara li b'digriet moghti fit-18 ta' Lulju 2005 (fol. 38-60) il-Qorti laqghet it-talba tal-atturi u ordnat t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza tas-27 ta' Jannar 2005. Pero' f'dak id-digriet il-Qorti kienet irrizervat ukoll id-dritt li tirrevedi d-digriet wara li tinghata s-sentenza mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Peter Muscat vs Mario Muscat nomine et** (Cit. numru: 51/2002). Sentenza li nghatat fit-28 ta' Settembru 2007.

3. Fl-ewwel lok il-Qorti ser tittratta fil-qasir l-eccezzjonijiet li nghataw mill-konvenut Mario Muscat (fol. 80-81). Fil-fehma tal-Qorti dawn l-eccezzjonijiet ma jolqtux il-mertu ta' din il-kawza izda pjuttost dak li kien il-mertu tal-kawza **Peter Muscat vs Mario Muscat nomine et** (Cit. numru: 51/2002). Ghalhekk l-ewwel tlett eccezzjonijiet huma ghal kollox irrilevanti. Min-naha l-ohra r-raba' eccezzjoni hi minghajr bazi ghaliex il-kawza odjerna saret proprju sabiex twaqqaf l-ezekuzzjoni tas-sentenza tas-27 ta' Jannar 2005 peress li l-atturi ghamlu kawza ghar-revoka ta' dik is-sentenza u smigh mill-gdid ai termini tal-Artikoli 811(a) u (k) tal-Kap. 12. Ghalhekk il-Qorti ma tistax taqbel li din il-kawza saret, kif jallega l-konvenut Mario Muscat, *"..bl-intenzjoni cara li jisvijaw lil din l-Onorabbli Qorti rigwardanti sentenza, validament moghtija mill-istess Onorabbli Qorti fis-27 ta' Jannar 2005, oltre d-digriet relatat mal-Mandat ta' Zgumbrament (55/2005)"* (fol. 81).

4. Ghal dawk li huma eccezzjonijiet li nghataw mill-bank konvenut (fol. 86), dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet jinghad li:-

(a) Il-Qorti ma taqbilx li c-citazzjoni hi frivola u vessatorja. Din il-kawza kienet mehtiega sabiex l-atturi jkunu jistghu jottjenu t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza li nghatat fis-27 ta' Jannar 2005. Ghalkemm jista' jkun li m'hemmx raguni valid ghaliex il-Qorti ghandha twaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza, b'daqshekk ma jfissirx li l-kawza hi necessarjament frivola u vessatorja kif jidher li qieghed isostni l-bank konvenut;

(b) Il-kwistjoni jekk l-kawza fejn intalab smigh gdid saritx minflok appell giet trattata u determinata fil-kawza l-ohra deciza llum. Il-Qorti ma tarax li din l-eccezzjoni hi rilevanti ghall-ezitu ta' din il-kawza u ghalhekk ser tigi michuda.

5. Il-kondizzjonijiet sabiex il-Qorti tordna twaqqif ta' esekuzzjoni ta' sentenza f'kaz ta' ritrattazzjoni huma tnejn (Artikolu 823[4] tal-Kap. 12):-

(*a*) flimkien mat-talba tagħha dik il-parti tagħti garanzija tajba għall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tiġix imħassra, magħduda dik il-garanzija kif imsemmija fl-artikolu 266(10); u

(*b*) jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja.

Dawn iz-zewg kondizzjonijiet ghandhom jissussistu t-tnejn u m'humiex alternattivi ghal xulxin. Ghalkemm fic-citazzjoni jinghad li *"l-atturi qeghdin igibu l-annessa garanzija ghall-esekuzzjoni tas-sentenza kif irid l-artikolu 823(2)(a) tal-Kap. 12"* (fol. 2), mill-atti ma jirrizultax li nghatat xi garanzija simili. Il-gurisprudenza hi fis-sens li m'huwiex mehtieg li l-garanzija tinghata kontestwalment mat-talba ghat-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza. Fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Albert Rizzo –vs- Agnes mart Paul Bezzina et** fl-10 ta' Jannar 1995 inghad li l-garanzija: *"mhijiex komponenti 'sine qua non' ta' l-azzjoni stabbilita minn dan l-Artikolu ghaliex kieku kienet, is-subinciz ma kienx juza l-frazi "meta tinghata". Difatti s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza li timplika arrest jew prigunerija tad-debitur ghandha dejjem tinghata mill-Qorti jekk ic-citazzjoni (illum ir-rikors fit-tieni grad) tkun akkumpanjata mill-garanzija*." (ara wkoll **Giuseppina Bugeja et –vs-Isidoro Agius**, Appell Civili, 17 ta' Marzu 1993). Jidher ghalhekk li l-fatt biss li ma tinghatax garanzija kontestwalment mal-prezentata tal-proceduri, ma tippregudikax il-posizzjoni tal-attur.

6. Hu fatt li dawn il-proceduri ilhom issa kwazi (3) snin pendenti u s-sentenza li l-atturi riedu li tithassar inghatat fis-27 ta' Jannar 2005. Inoltre, llum hemm sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Peter Paul Muscat vs Mario Muscat proprio et nomine et** (Cit. numru: 51/2002) deciza fit-28 ta' Settembru 2007 li kkonfermat sentenza moghtija mill-qorti tal-ewwel grad li meta Mario Muscat

xtara l-proprjeta' (kuntratt tal-14 ta' April 1995 fl-atti tan-nutar Carmel Mangion) ma kienx qieghed jakkwista l-proprjeta' bhala *prestanome* izda f'ismu personali. Irrizulta li l-bank konvenut biegh il-proprjeta' lil terzi li ghalkemm intervjenew f'dawn il-proceduri ma kienux parti fil-kawza li taghha ntalab s-smigh gdid. Kif tajjeb osservat il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Ellul Sullivan nomine vs Abela nomine** deciza fid-19 ta' Novembru 1971, l-intervenjent ma hux parti jew kontendent cioe' ma jsirx la attur u lanqas konvenut. Ghalkemm il-Qorti ghandha tikkunsidra s-sottomissjonijiet tieghu u tiddecidi l-punti li jissolleva, il-posizzjoni tieghu hi differenti hafna mill-imsejjah fil-kawza li b'ligi espressa hu kunsidrat konvenut. Min-naha tal-attur, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2007 xehed li jghix f'dan il-fond flimkien ma' martu u tlett uliedu (fol. 165). Wara li nghalaq il-gbir tal-provi u l-kawza giet differita ghas-sentenza, l-intervenuti fil-kawza pprezentaw rikors (4 ta' April 2008) u talbu li jinghataw id-dritt iressqu provi sabiex juru li m'huwiex minnu li l-atturi qeghdin ighixu f'dan il-fond. B'digriet moghti fil-11 ta' April 2008 il-Qorti cahdet it-talba. Kieku riedu, l-intervenuti fil-kawza kellhom kull opportunita' li jressqu l-provi fl-istadju opportun u jsegwu wkoll l-andament tal-kawza. Wiehed ma jridx jinsa wkoll li meta l-intervenuti fil-kawza xtraw il-proprjeta' kienu jafu li ghad hemm il-kawza fl-ismijiet **Peter Paul Muscat vs Mario Muscat proprio et nomine et** (Cit. numru 51/2002) fejn l-attur kien qieghed jitlob dikjarazzjoni li l-fond kien inxtara minn huh Mario Muscat bhala *prestanome* tieghu. Min-naha l-ohra ma jirrizultax li l-bank ittrasferixxa l-jeddijiet litigjuzi hlief ghal jeddijiet relatati mal-mandat ta' zgumbrament numru 55/2005[2].

7. Madankollu min-naha l-ohra fil-kawza li giet deciza llum il-Qorti cahdet it-talba tal-atturi ghar-revoka tas-sentenza tas-27 ta' Jannar 2005 u smigh mill-gdid. F'tali cirkostanzi l-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza iktar u iktar meta tqies il-konsiderazzjonijiet.

---

[2] *"The Bank is transferring to the purchasers who accept all the rights emanating from the acts of a warrant of eviction number fifty five stroke zero five AMT (55/05AMT) connected to the said property"* (fol. 97).

F'kull kaz, fir-rigward tal-kwistjoni jekk il-pregudizzju li ser issofri l-parti li titlob it-twaqqif tal-ezekuzzjoni huwiex ser ikun ikbar milli t-twaqqif jikkaguna lill-parti kuntrarja (fil-kaz taghna l-bank), fil-kawza **Michael Cutajar vs Roberta Muscat** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fis-16 ta' Dicembru 2002 inghad li: *"B'danakollu fl-evalwazzjoni tal-pregudizzju relattiv tal-partijiet il-"praxis" donnha hi li fejn is-sospensjoni tkun ta' zgumbrament, sakemm ma jirrikorrux ragunijiet verament specjali, jidher li "prima facie" il-pregudizzju ta' min se jkun sejjer jigi zgumbrat huwa aktar minn ta' dak ta' min ser jiehu hwejjgu lura ("**Rizzo –vs- Bezzina**", Appell, 10 ta' Jannar 1995 fuq citata)".* Pero' min-naha l-ohra l-Qorti hi tal-fehma li l-fatt li c-cahda ghat-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza jwassal sabiex min qieghed jitlobha jigi zgumbra, m'ghandix awtomatikament tfisser li l-Qorti ghandha nvarjabilment tilqa' t-talba u tordna t-twaqqif tas-sentenza. Kif osservat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Guido J. Vella vs Nutar Emanuel Cefai** (deciza fil-31 ta' Mejju 2002):*"huwa veru li l-artikolu 823 tal-Kap. 12 jaghti setgha diskrezzjonali lill-Qorti (u mhux lill-parti), fuq talba ad hoc li ssirilha mill-parti interessata, li tikkoncedi s-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza, in bazi ta' kif hemm imsemmi fil-ligi tal-procedura. Pero' din il-koncessjoni ghandha tibqa' titqies dejjem bhala eccezzjoni ghar-regola u mhux bil-maqlub. Kwindi anke hawn l-applikazzjoni o meno taghha trid issir b'kawtela kbira"*. Wiehed irid japprezza wkoll il-posizzjoni li sab ruhu fiha l-bank konvenut li biegh il-proprjeta' u ggarantixxa l-pacifiku pussess lill-intervenuti fil-kawza u li ghamel b'success kawza ta' zgumbrament li sal-lum ghadha ma twettqitx (27 ta' Jannar 2005) u l-post ghadu fid-detenzjoni tal-atturi. Dan iktar u iktar meta kif rajna l-kawza fl-ismijiet **Peter Paul Muscat vs Mario Muscat proprio et nomine et** (Cit. numru 51/2002) hi gudikat u ghalhekk illum hu determinat li l-fond in kwistjoni kien inxtara minn Mario Muscat f'ismu personali u mhux fl-interess tal-atturi. Il-Qorti tqis li f'dawn ic-cirkostanzi u wara li qiestet il-konsiderazzjonijiet kollha li ghamlet fil-kawza **Peter Muscat et vs Mario Muscat et** (Cit. nru: 56/2005AE) deciza llum stess, it-talba ta' l-atturi ghat-

twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza m'hijiex gustifikata u ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi:-

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha li nghataw minn Mario Muscat bl-ispejjez kontra tieghu.

2. Tichad l-ewwel (ghaliex il-bazi ta' din l-eccezzjoni hi li l-azzjoni tal-atturi hi frivola u vessatorja) u t-tieni eccezzjoni moghtija mill-Bank of Valletta plc bl-ispejjez kontra l-istess bank.

3. Tilqa' t-tielet eccezzjoni moghtija mill-bank konvenut u tichad it-talba tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom salv ghal dak li nghad hawn fuq.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------